

# il-hajja ta' kristu gesu'

## 23.IL-PRIEDKA TAL-MUNTANJA (2)

**Mattew 5:...1-48, 6:1-34, 7:1-29; Luqa 6:20-49, 7:1...**



Meta titolbu, tkunux bhal dawk ta' wicc b'iehor, ghax dawk ihobbu joqoghdu jitolbu bil-wieqfa fis-sinagogi u f'salib it-toroq biex jidhru quddiem in-nies. Tassew nghidlkom li l-hlas ga haduh. Izda inti meta titlob, idhol fil-kamra tieghek ta' gewwa, aghlaq il-bieb warajk u itlob lil Missierek li hu fil-mohbi; u Missierek li jara dak li hu fil-mohbi, irrodlok hu. Intom u titolbu toqoghdux tlabalbu bhall-pagani; dawn minghalihom li, aktar ma jghidu, aktar jinstemghu. Tkunux bhalhom, ghax Missierkom jaf x'tehtiegu, qabel ma titolbuh intom. Mela itolbu hekk:

Missierna li inti fis-smewwiet,
Jitqaddes ismek,
Tigi saltnatek,
ikun dak li trid, kif fis-sema hekkda fl-art.
Hobzna ta' kull jum aghtina llum,
Ahfrilna dnubietna
Bhalma nahfru lil min hu hati ghalina
U la ddahhalniex fit-tigrib
Izda ehlisna mid-deni.

Ghax jekk intom tahfru lill- bnedmin il-htijiet taghhom Missierkom li hu fis-smewwiet jahfer lilkom ukoll. Imma jekk intom ma tahfrux lill-bnedmin il-htijiet taghhom, anqas Missierkom ma jahfer lilkom il-htijiet taghkom.

Meta ssumu tqarrsux wicckom, bhalma jaghmlu dawk ta' wicc b'iehor, ghax dawn ikerrhu wicchom biex quddiem in-nies jidhru li huma sajmin. Tassew, nghidilkom, li l-hlas taghhom ga haduh. Izda inti meta tkun sajjem, idlek xaghrek u ahsel wiccek biex mhux quddiem in-nies tidher li tkun sajjem, imma quddiem Missierek li hu fil-mohbi; u Missierek li jara dak li hu mohbi, irrodlok hu.

Tgeddsux ghalikom tezori f'din id-dinja, fejn kollox jitmermer bil-kamla u fejn il-hallelin jinfdu u jisirqu.  Izda gemmghu ghalikom, tezori fis-sema, fejn xen ma jitmermer u la bil-kamla u lanqas bis-sadid u fejn ma hemmx hallelin jinfdu u jisirqu.  Ghax fejn hemm it-tezor tieghek hemm tinsab qalbek ukoll.

Il-musbieh tal-gisem hija l-ghajn.  Jekk mela ghajnek hija safja, gismek kollu jkun mdawwal.  Izda jekk ghajnejk hi marida, gismek kollu mudlam.  Mela jekk id-dawl li hemm fik hu dlam, kemm aktar id-dlam!



Hadd ma jista' jaqdi zewg sidien: ghax jew ikun jobghod lil wiehed u jhobb lil iehro, jew jintrabat ma wiehed u jistmell lill-iehor.  Ma tistghux taqdu lil Alla u lill-flus.

Ghalhekk nghidilkom: tinkwetawx ruhkom ghal hajjitkom, x'se tieklu jew x'se tixorbu anqas ghal gisimkom, x'se tilbsu. Jaqaw il-hajja m'hiex aqwa mill-ikel u l-gisem aqwa mill-ilbies? Harsu lejn l-ghasafar tas-sema, la jizirghu u anqas jahsdu u lanqas igeddsu fl-imhazen u ma dan kollu Missierkom li hu fis-smewwiet jitmaghhom!  Intom ma tiswewx aktar minnhom?  U minn minnkom bl-inkwiet kollu tieghu ser isehhlu jtawwal ghomru mqar b'jum wiehed biss? U ghall-ilbies ghalfejn tinkwetaw ruhkom? Harsu lejn il-gilji ta' l-ghelieqi, kif jikbru! U la jithabtu u lanqas jinsgu. Madanakollu, nghidilkom, anqas Salamun, fil-glorja kollha tieghu, ma kien jilbes bhala wiehed minnhom.  Mela jekk Alla jlibbess hekk mqar haxixa selvagga li llum hawn u ghada tinxtehet fil-forn, kemm aktar lilkom nies ta' fidi ckejkna!

Ghalhekk toqghodux tinkwetaw ruhkom u tghidu: ' X'se nieklu?' jew " X'se nixorbu', jew ' X'se nilbsu' ? ghax dawn huma kollha hwejjeg li jfittxuhom il-pagani.  Imma Missierkom li hu fis-smewwiet jaf li dan kollu tehtiguh.  Mela fittxu l-ewwel is-Saltna u l-gustizzja ta' Alla u dan kollu jinghatalkom ukoll.  Mela toqoghdux thabblu raskom ghall-ghada, ghax il-jum ta''ghada jhabbel rasu ghalih innifsu. Bizzejjed hu ghall-jum it-tahbit tal-gurnata.

"Tiggudikawx u ma tkunux iggudikati; tikkundanawx u ma tkunx ikkudannati; ahfru u ssibu l-mahfra; aghtu u jinghatalkom. Kejl tajjeb, marsus, mhezhez sewwa u mburgat iqeghdulkom f'hogorkom; ghax bl-istess kejl li tkejjlu intom jitkejjel lilkom."

Qalilhom parabbola: "Jista aghma jmexxi aghma iehor? Mhux it-tnejn jaqghu fil-hofra? Id-dixxiplu ma hux aqwa mill-imghallem tieghu; imma kull min itemm it-tahrig tieghu jsir bhall-imghallem tieghu. Ghax tara t-tibna f'ghajn huk, u ma tarx it-travu li ghandek f'ghajnek inti?  Kif tista tghidlu lil huk: ' Hi ejja nnehhilek it-tibna li ghandek f'ghajnejk' meta m'intix tara t-travu li ghandek f'ghajnejk inti? Ja wicc b'iehor, nehhi l-ewwel it-travu minn ghajnejk inti, halli mbaghad tara sewwa kif tnehhi t-tibna minn ghajn huk."

Taghtux lill-klieb dak li hu qaddis u tixhtux il-gawhar taghkom quddiem il-hniezer li ma jmorrux jghaffguhom b'saqajhom u mbaghad iduru ghalikom u jqattghukom bi snienhom.

Itolbu u jinghatalkom, fittxu u ssibbu, habbtu u jifthulkom. Ghax kull min jitlob jaqla', min ifittex isib u min ihabbat jifthulu.  Min hu dak il-bniedem fostkom li, jekk ibnu jitolbu bicca hobz sejjer jaghtih gebla? Jew jekk jitolbu huta ser jaghtin serp? Mella jekk intom, nies hziena bhalkom, tafu taghtu lil ulliedkom hwejjeg tajba, kemm aktar Missierkom li hu fis-smewwiet jaghti hwejjeg tajba

lil min jitlobhomlu? Mela dak kollu li tridu li l-bnedmin jaghmlu lilkom, aghmluh intom lilhom: ghax din hi l-ligi u profeti.

Ghaddu mill-bieb id-dejjaq. Ghax wiesa' l-bieb u spazjuza t-triq li tiehu ghat-telfien u hafna huma li jghaddu minnha. Imma kemm huwa dejjaq il-bieb u dejqa t-triq li tiehu ghall-hajja u ftit huma li jsibuha!



Ifthu ghajnejkom mill-profeti foloz: ghax dawn jigu ghandkom libsin ta' naghag u minn gewwa jkunu lpup hattafa! Mill-frott taghhom intom tgharfuhom. Jaqaw jigbru gheneb mix-xewk, jew tin mill-ghollieq? Hekk kull sigra tajba frott tajjeb taghmel, imma sigra hazina frott hazin taghmel. Sigra tajba ma tistax taghmel frott hazin anqas sigra hazina ma taghmel frott tajjeb. Kull sigra li ma taghmilx frott tajjeb titqaccat u tinxehet fin-nar. Ghalhekk mill-frott taghhom taghrfuhom.

Bniedem tajjeb mit-tezor tajeb ta' qalbu johrog it-tajeb u l-bniedem hazin mit-tezor hazin tieghu johrog il-hazin, ghax mill-abbundanza tal-qalb jitkellem il-fomm.

Mhux kull min jghidli "'Mulej, Mulej,' jidhol fis-saltna tas-smewwiet , izda min jaghmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet. F'dak il-jum ikun hafna, li jghiduli, 'Mulej, Mulej mhux f'ismek habbarna ahna, u mhux f'ismek keccejna x-xjaten u f'ismek ghamilna hafna mirakli'? Mbaghad jiena nghidilhom: ' Lilkom qatt ma kont nafkom! Warrbu minn quddiemi, intom li taghmlu l-hazen.'. Ghalhekk kull min jisma' kliemi u jaghmel li qieghed nghid jiena, isir jixbah lill- bniedem ghaqli li bena' daru fuq il-blat. Nizlet ix-xita, gew il-widien u qamu l-irwiefen u habtu fuq dik id-dar, izda ma ggarfitx ghax kellha is-sisien taghha fuq il-blat. Imma kull min jisma' kliemi u ma jaghmilx li qed nghid jien, isir jixbah lill-bniedem iblah li bena daru fuq ir-ramel. Nizlet ix-xita, gew il-widien, qamu l-irwiefen u habtu fuq dik id-dar, u ggarfet; u kbira kienet il-qerda taghha.

Gara li meta Gesu' temm dan id-diskors, in-nies baqghet mistaghgba bit-taghlim tieghu ghax hu kien jghallimhom bhal wiehed li ghandu s-setgha u mhux bhall-kittieba taghhom